MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 156/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andrea Camilleri**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Andrea Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 139583(M) talli:

(1) fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' April 2013 f'dawn il-Gżejjer, naqas milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, Maġistrat Dr. E. Grima, LL.D., b'digriet datat 11 ta' Lulju 2012, u li permezz tiegħu l-istess Andrea Camilleri ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt

diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirrinkaża ġewwa bejn il-11.00 p.m. sas-6.00 a.m. ta' l-għada filgħodu;

(2) fil-lejl ta' bejn is-6 u s-7 ta' April 2013 f'dawn il-Gżejjer, naqas milli jħares xi waħda u/jew aktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, Maġistrat Dr. A. Mizzi, LL.D., b'digriet datat 6 ta' Awwissu 2012, u li permezz tiegħu l-istess Andrea Camilleri ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirrinkaża ġewwa bejn il-11.00 p.m. sal-5.00 a.m. ta' l-għada filgħodu;

(3) nhar-is 7 ta' April 2007 għall-ħabta tas-6.30 a.m. ġewwa Ħal-Luqa ħebb kontra Kirsty Micallef sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmillha ħsara.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat imsemmi, tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti tal-ħelsien mill-arrest datat 11 ta' Lulju 2012 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Andrea Camilleri, kif ukoll li tordna li s-somma ta' €10,000 bħala garanzija personali u €1,000 depożitu li ġew imposti fuqu sabiex jagħmlu tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat imsemmi, tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti tal-ħelsien mill-arrest datat 6 ta' Awwissu 2012 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' Andrea Camilleri, kif ukoll li tordna li s-somma ta' €10,000 bħala garanzija personali li ġew imposti fuqu sabiex jagħmlu tajjeb għall-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll illi f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta` ta' Kirsty Micallef jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni

kontra l-imsemmi Andrea Camilleri , u dan ai termini ta' l-artikolu 412C;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' April 2013 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li semgħet lill-parti ċivili Kirsty Micallef tirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' l-imsemmi Andrea Camilleri, wara li semgħet l-ammissjoni ta' l-istess Andrea Camilleri għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, u wara li rat l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-istess Andrea Camilleri għal perijodu ta' tliet xhur priġunerija, irrevokat *contrario imperio* d-digrieti tal-ħelsien mill-arrest tal-11 ta' Lulju 2012 u tas-6 ta' Awwisu 2012 u ordnat ir-riarrest tiegħu b'effett immedjat. Inoltre stante r-rinunzja ta' Kirsty Micallef, iddikjarat il-proċediment eżawrit in kwantu jirrigwarda t-tielet imputazzjoni u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tielet imputazzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Andrea Camilleri ppreżentat fit-12 ta' April 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn iddikjarat il-proċediment eżawrit fuq it-tielet imputazzjoni u, minkejja l-ammissjoni fuq il-fatti, tirrevokaha fuq ir-reita` peress illi fir-reati li jaqgħu taħt l-artikolu 574 il-provvediment tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-liberta` provviżorja m'għandux iġib kundanna penali, u fi kwalunkwe każ, minflok il-piena imposta fuq l-ewwel żewġ imputazzjonijiet, tagħti provvediment illi aktar jagħmel għall każ flok il-piena nflitta, u dan billi tibdel il-piena għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ta' **John Grima vs Avukat Generali** deciza fis-16 ta' Marzu 2011, fuq kwistjoni simili kienet qalet illi l-Qorti Kriminali ghandha tezamina jekk ksur ta' kundizzjoni ta' *bail* hijiex ta' gravita`.

F'dak il-kaz pero` ghandu jinghad illi l-akkuza kienet tinkwadra taht l-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali. Allura l-kundizzjonijiet setghu jigu mposti. Imma l-kwistjoni ta' semplicement tal-hin ma kinitx bizzejjed biex John Grima jitlef il-liberta` u anke jbati konsegwenzi ulterjuri. Il-Qorti Kostituzzjonali hassret dik l-ordni baghtet quddiem il-Qorti Kriminali u John Grima gie mmultat erba` mitt Ewro ghal vjolazzjoni tal-hin.

**"L-Artikolu 574 kontrastat mal-Artikolu 575**

"Illi jidher illi m'huwiex qed jinghata kaz ghall-istruttura tal-Kodici Kriminali illi hemm l-Artikolu 574 illi huwa ta' applikazzjoni generali u dan huwa segwit mill-Artikolu 575 tal-Kodici Kriminali illi huwa ristrett ghar-reati hemm imsemmija. L-artikolu 575 ma kienx originarjament dak li hu llum. Sakemm kien hemm is-sentenza Kostituzzjonali Pullicino. Qabel ghal dawk ir-reati ma kienx jista` jinghata helsien mill-arrest u wara nghata dak id-dritt pero` zdiedu l-kundizzjonijiet.

"Illi dawk il-kundizzjonijiet kollha ma gewx applikabbli wkoll taht l-artikolu 574 illi, hlief ghal emenda zghira, baqa` sostanzjalment dak li kien. Il-bidla kienet illi flok Gvernatur sar il-President ta' Malta.

"Zdied l-artikolu 574A illi japplika ghal ezami *ex officio* tal-Qorti tal-Magistrati meta l-persuna tkun tressqet bl-arrest. Dwar dan l-Avukat sottoskritt jaf xi ftit peress illi kien wara s-sentenza tal-Qorti Ewropeja li kien fihom involut ta' **W. vs Malta** u **Joseph Aquilina vs Malta**. Fis-sub-artikolu 9 tal-Artikolu 574A, l-Avukat Generali ghandu dritt jaghmel rikors u jappella pero` ma jistax juza r-ragunamenti tal-Artikolu 575 illi japplikaw ghar-reati kontra s-sigurta` tal-Gvern jew delitti suggetti ghal piena tal-prigunerija ghall-ghomor. F'dan il-kaz ir-reati addebitati, u cioe` li fuqhom kien tpogga bil-helsien mill-arrest, l-ebda wiehed m'huma ta' din in-natura (li jaqghu taht l-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali).

"L-iskop tal-*bail* huwa dak illi persuna titqieghed fil-liberta`, ghax prezunta innocenti u illi tidher ghall-istess process sas-sentenza.

"Ghalhekk il-kwestjoni hija: tenut kont tar-reati addebitati lill-esponenti meta nghata l-helsien mill-arrest kienu jaqghu taht l-Art 575? Setghu jigu mposti kundizzjonijiet? Jekk le, inutli li wiehed jghid li ffirma ghalihom, ghax min imponihom ma kellux s-setgha legali li jdahhalhom biex jaghti l-helsien mill-arrest.

**"Dwar il-Piena**

"Tenut kont ta' sentenzi simili li nghataw fuq ksur tal-hin, il-piena karcerarja effettiva kienet gravuza."

**6.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva illi hawn si trattava ta' ammissjoni. Mill-verbal tat-8 ta' April 2013 jirriżulta li din l-ammissjoni kienet waħda inkondizzjonata. Il-partijiet rilevanti tal-verbal jghidu hekk:

**"L-imputat qed jirrispondi ħati għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.**

**"….**

**"L-imputat wara li ngħata żmien xieraq sabiex jirrikunsidra l-ammissjoni tiegħu, kompla jinsisti li jrid jirreġistra ammissjoni għall-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu."**

**7.** Din il-Qorti tirreferi wkoll għall-bran rilevanti fis-sentenza appellata:

**"Semgħet l-ammissjoni ta' l-imputat kif reġistrata fl-atti tas-seduta ta' nhar-it 8 ta' April 2013 għall-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu.**

**"Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati, din il-Qorti wissietu**

**b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti għaddiet sabiex tagħti każ din l-ammissjoni tiegħu.**

**"Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta' l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni kif dedotti kontra tiegħu."**

**8.** Minn dan kollu huwa evidenti li l-ewwel Qorti ħadet is-salvagwardi meħtieġa skond il-liġi qabel ma ddikjarat lill-appellant ħati ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet. Inoltre mill-istess verbal jirriżulta illi l-appellant kien debitament assistit mill-istess difensur tiegħu f'dan l-appell. Ma jirriżultax illi l-appellant quddiem l-ewwel Qorti kien qiegħed jammetti l-fatti iżda mhux ir-reita`. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif issa qiegħed jipprova jagħmel din id-distinzjoni meta ma jirriżultax illi saret quddiem l-ewwel Qorti.

**9.** Fi kwalunkwe każ dawn il-proċeduri ttieħdu a tenur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat. M'hemm l-ebda prova li l-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest fid-digrieti tal-11 ta' Lulju 2012 u tas-6 ta' Awissu 2012 ma sarux skond il-liġi. Kwindi setgħu jittieħdu dawn il-proċeduri kontra l-appellant li, debitament assistit, għoġbu jammetti għall-imputazzjoniiet rilevanti.

**10.** Kwantu għall-piena, jiġi rilevat fl-ewwel lok li fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabbilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-

Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. Barra minn hekk ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

**11.** Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali jagħti diskrezzjoni pjuttost wiesa lill-Qorti għal dik li hija piena: **"il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta"**. Inoltre skond is-subartikolu (3) ta' l-istess artikolu 579, il-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Jiġifieri meta l-ewwel Qorti ddeċidiet li timponi l-piena ta' tliet xhur priġunerija u tordna r-riarrest mill-ġdid ta' l-appellant, dan kien fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-liġi. Hija waslet għal din id-deċiżjoni wara li kkunsidrat **"li din mhux l-ewwel darba li l-imputat kiser il-kondizzjoni għall-ħelsien mill-arrest u jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi għandha timponi piena karċerarja effettiva"**.

**12.** Issa, din il-Qorti jkollha tinnota li mill-fedina penali aġġornata ta' l-appellant ma jirriżultawx kundanni minħabba ksur ta' kondizzjonijiet ta' ħelsien mill-arrest, u mill-atti ta' din il-kawża ma jirriżulta li nġabet ebda prova ta' tali ksur. Għalhekk l-ewwel Qorti ma setgħetx tagħmel tali konsiderazzjoni ġaladarba ma tirriżultax mill-atti.

**13.** Fil-każ in eżami l-kondizzjonijiet li ammetta li kiser l-appellant kienu dawk tal-ħin ta' rinkażar. Interessanti huwa l-fatt illi, għalkemm fl-istqarrija tiegħu jgħid illi ħareġ mid-dar fil-5.40 a.m., huwa xorta ammetta t-tieni imputazzjoni li tirrigwarda d-digriet tas-6 ta' Awissu 2012 fejn il-ħinijiet li fihom l-appellant kellu jkun id-dar kienu bejn il-11.00 p.m. u <u>l-5.00 a.m.</u>

14. Din il-Qorti, pero`, ma tistax ma tisħaqx illi d-digrieti tal-Qorti, u f'dan il-każ il-kondizzjonijiet li taħthom l-appellant ġie akkordat il-ħelsien mill-arrest bid-digrieti imsemmija, għandhom jiġu osservati skrupolożament u *ad litteram*. Għalhekk, filwaqt illi taqbel li l-piena f'dan il-każ għandha tibqa' waħda karċerarja, in vista taċ-ċirkostanzi spjegati fil-paragrafi preċedenti (12 u 13), irid ikun hemm neċessarjament temperament fil-piena.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi Andrea Camilleri għal perijodu ta' tliet xhur priġunerija u in kwantu rrevokat *contrario imperio* d-digrieti tal-11 ta' Lulju 2012 u tas-6 ta' Awissu 2012 u ordnat r-riarrest tiegħu, u minflok tikkundannah għal priġunerija għal perijodu ta' xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------